A.L. 347 ta' l-2008

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti ta' l-2008 dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u Appelli minnu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 11(2), 12(1) u (3), 16, 21, 22(2), 22(4) u 22(8) ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern bi qbil mal-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u Appelli minnu.

(2) Dawn ir-Regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2009.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolament, sakemm ir-rabta' tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: -

Kap. 490.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;

"President" tfisser kull President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva maħtur skond l-artikolu 8(2) ta' l-Att;

"Segretarju" tfisser is-Segretarju tat-Tribunal;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

(2) Il-kliem u l-espressjonijiet l-oħra li jinsabu f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Ġurament tal-kariga tal-President.

3. (1) Il-President għandu meta jinħatar jieħu ġurament tal-kariga li ġej quddiem il-Qorti ta' l-Appell:

"Jiena ..... (żied isem u kunjom) b'dan niddikjara li neżamina u niddeċiedi l-każijiet miġjuba quddiemi b'imparzjalità, b'mod ġust u skond il-liġi. Hekk Alla jgħini."

(2) L-imsemmi ġurament għandu jiġi iffirmat mill-President u għandu jiġi datat. Għandu jiġi depożitat mas-Segretarju tat-Tribunal.

Ġurament tal-ħatra ta' Assistent.

4. (1) Assistent għandu meta jinħatar jieħu ġurament tal-kariga quddiem il-President:

"Jien ..... (żied isem u kunjom) b'dan niddikjara li nassisti lill-President tat-Tribunal Amministrattiva b'imparzjalità, b'mod ġust u skond il-liġi. Hekk Alla jgħini."

(2) L-imsemmi ġurament għandu jiġi iffirmat minn Assistent u għandu jiġi datat. Għandu jiġi depożitat mas-Segretarju tat-Tribunal.

Seduti tat-Tribunal.

5. (1) It-Tribunal għandu jżomm seduti f'Malta u f'Għawdex.

(2) F'Malta, it-Tribunal għandu jżomm is-seduti fil-bini fejn il-Qrati tal-Ġustizzja normalment iżommu s-seduti.

(3) F'Għawdex, it-Tribunal għandu jżomm is-seduti fil-bini fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) normalment iżżomm s-seduti.

Reġistru tatTribunal.

6. (1) Ir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, f'Malta, għandu jkun ir-Reġistru tat-Tribunal f'Malta.

(2) Ir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Għawdex, għandu jkun ir-Reġistru tat-Tribunal Għawdex.

Segretarju tat-Tribunal.

7. (1) Meta jiltaqa' it-Tribunal jiltaqa' f'Malta, ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, għandu jwettaq id-dmirijiet ta' Segretarju tat-Tribunal.

(2) Meta jiltaqa' it-Tribunal jiltaqa' f'Għawdex, ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, Għawdex, għandu jwettaq id-dmirijiet ta' Segretarju tat-Tribunal.

Applikabbiltà ta' L.S 12.21 għal dawn ir-regolamenti.

8. Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5 sa 11 tar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra) għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għat-Tribunal u għas-Segretarju tat-Tribunal.

Formuli. Kap. 9.

9. Il-formuli li jinsabu fl-Iskeda B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, meta u sa fejn applikabbli, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Tariffi.

10. It-tariffi li jinsabu fl-Iskeda għandhom jitħallsu lis-Segretarju tat-Tribunal.

SKEDA

Tariffa A – Drittijiet li jitħallsu f'konnessjoni ma' proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

1. Għall-preżentata ta' rikors €15

2. Għall-preżentata ta' risposta …..... €15

3. Id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' din it-Tariffa għandhom jinkludu l-preżentata ta' l-atti l-oħra kollha tal-proċedura u notifiki (inklużi, iżda mhux limitati għall-preżentata ta' mandati għall-eżami ta' xhieda, l-eżami nnifsu, drittijiet għar-reġistrazzjoni, traskrizzjonijiet u kopji, is-servizzi ta' assistenti ġudizzjarji, digrieti u dikjarazzjonijiet qabel is-sentenza finali, taxxi ta' l-ispejjeż u kopji tas-sentenza) li huma meħtieġa wara li jinbeda l-każ permezz ta' dak l-att sa u inkluża s-sentenza finali, iżda mhux magħdudin id-drittijiet dovuti għan-notifika ta' l-atti u drittijiet li t-Tribunal jista' jkun meħtieġ iħallas lil terzi.

4. Ma għandu jitħallas ebda dritt għall-preżentata ta' xi nota ta' ammissjoni ta' talba sakemm it-talba tkun ammessa kollha u mingħajr kondizzjoni qabel ma ssir xi kontestazzjoni dwarha.

5. (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż li jsiru fl-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, ikunu dovuti dawn id-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru .....…… €5

(ii) dritt dovut lill-uffiċjali eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €2:

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%.

(2) Mingħajr ħsara għal kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tat-Tribunal, ikunu dovuti għal kull notifika dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru .....…… €5

(ii) dritt dovut lill-uffiċjali eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika .....€2.

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tat-Tribunal skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet għandhom japplikaw id-drittijiet stabbilit fis-subparagrafu (1).

Tariffa B - Tariffi li jitħallsu f'konnessjoni ma' proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell

1. Għall-preżentata ta' rikors ta' appell €25

2. Għall-preżentata ta' risposta għal rikors ta' appell €25

3. Id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' din it-Tariffa għandhom jinkludu l-preżentata ta' l-atti l-oħra kollha tal-proċedura u notifiki (inklużi, iżda mhux limitati għall-preżentata ta' mandati għall-eżami ta' xhieda, l-eżami nnifsu, drittijiet għar-reġistrazzjoni, traskrizzjonijiet u kopji, is-servizzi ta' assistenti ġudizzjarji, digrieti u dikjarazzjonijiet qabel is-sentenza finali, taxxi ta' l-ispejjeż u kopji tas-sentenza) li huma meħtieġa wara li jinbeda l-każ permezz ta' dak l-att sa u inkluża s-sentenza finali, iżda mhux magħdudin id-drittijiet dovuti lil periti legali jew esperti maħtura mill-Qorti ta' l-Appell jew drittijiet li l-Qorti ta' l-Appell tista' tkun meħtieġa li tħallas lil terzi.

Tariffa Ċ: Drittijiet Professjonali

1. Dritt ta' €80 għandu jiġi intaxxat mis-Segretarju għal servizzi professjonali mogħtija quddiem it-Tribunal minn avukat jew prokuratur legali li jassisti xi waħda mill-partijiet meta l-ammont fil-kwistjoni ma jkunx iżjed minn €600.

2. Dritt skond it-Tariffa għal drittijiet professjonali f'każijiet li jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għandu jiġi intaxxat mir-Reġistratur għal servizzi professjonali mogħtija quddiem it-Tribunal minn Avukat jew prokuratur legali li jassisti xi waħda mill-partijiet meta l-ammont fil-kwistjoni jkun iżjed minn €600.

3. Dritt ta' €175 għandu jiġi intaxxat mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, għal servizzi professjonali mogħtija quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn avukat jew prokuratur legali li jassisti xi waħda mill-partijiet:

Iżda d-drittijiet għal servizzi li mhumiex speċifikatament previsti f'din it-Tariffa iżda li huma previsti f'Tariffi oħra li jinsabu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom jiġu intaxxati skond dawk it-Tariffi.